Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**Laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena nhar**

**l-Erbgha 4 ta'Mejju 2016 fil-5.00pm**

**Prezenti:**

**Mary Anne Abela - Chairperson**

**Simon Stilon – Deputy Chairperson**

**G. Leone Ganado – Membru**

**Therese Valentino – Membru**

**Asha Caroline Caruana – Membru**

---

**Ic-Chairperson qalet it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru.17 gew moqrija u approvati. Ic-Chairperson ipproponiet u l-Vici Chairperson issekonda.

Ic-Chairperson talbet biex tigi ssopenduta din is-Seduta sabiex is-Sur Kenneth De Martino, li kien prezenti ghal din is-Seduta bhala residenti, jkun jista' jispjega dwar il-bzonn serju sabiex jigu installati speeding cameras fi Triq il-Madliena minhabba li ta' kuljum, sewwieqa rresponsabli qed jsuqu b'velociat kbira minn din l-istess triq. Il-hin kien il-5.30pm u s-Seduta reghhet bdiet fis-6.05pm.

Ic-Chairperson issugeriet sabiex issir laqgha informali bejn il-membri nhar it-18 ta'Mejju'16 fil-5.00pm dwar din il-materja. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Ic-Chairperson staqsiet jekk kienx hemm xi zvillupi rigward il-porposta li Triq il-Veduta u Triq Manuel Aguis isiru one-way. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li sa llum, ma rcieva l-ebda komunikazzjoni minn naha ta' TM.

2. Il-Kumitat irrefera ghall-attivita li titella' kull sena minn dan il-Kumitat f'Lulju f'gieh St. Marija Madalena. Rigward din l-attivita', ic-Chairperson hadet l-inkarigu li titkellem mal-Kappillan.

3. Ic-Chairperson infurmat li fi Triq Zejni, hemm diversi xtieli li qed jostakolaw l-uzu tal-bankina. Ghaldaqstant talbet sabiex dawn ir-residenti jigu nfurmati sabiex jizbrghu dawn ix-xtieli u s-sigar li hemm fil-propjeta taghhom.

## III RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

1. Hija staqsiet sabiex tinkiseb stima ghax-xoghlijiet li j ridu jsiru fil-bicca ta' fuq ta' Triq il-Madliena hdejn Madliena Ridge halli kif din tkun ffinalizata tintbaghat lis-Sur Pio Farrugia mid-Dipartimet ghall-Gvern Lokali. Is- Segretraju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jikkomunika mal-Perit tal-Kunsill.

2. Ic-Chairperson staqsiet x'inhu l-ammont ta' l-istima ta' hsarat li garrab il-hajt ta' Wied id-Dis. Is- Segretarju Ezekuttiv informa li l-istima tammonta ghal €4,112.00. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li fil-futur qarib ghandu jircievi stima ohra.

   Il-membri ghamlu emfasi li ssir laqgha fuq il-post flimkien mal-perit u l-membri biex jaghti s-suggerimenti tieghu ta' kif ghandhom isiru ix-xogholijiet mehtiega. Il-kuntratturi potenzjali ghandhom ukoll jigu mistiedna biex jattendu biex jispjegaw ix-xogholijiet li qed jipproponu ghall-prezz li qed jikkowtaw.

3. Ic-Chairperson staqsiet li kull membru sabiex jibda' jipprepara l-artiklu tieghu peress li sa l-ahhar ta'Mejju'16, l-artikli kollha jridu jintbaghtu lill-pubbilkatur tal-fuljett.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela<br>Chairperson | Hugh Zammit<br>Segretarju Ezekuttiv |

## III RAPPORTI MILL-MEMBRI

Mill-Vici Chairperson

1. Il-Vici Chairperson informa li huwa ltaqa mal-kuntrattur ikkoncernat sabiex flimkien jiddiskutu l-possibilita' li tigi installata traffic calmer fi Triq il-Pedidalwett kif ukoll dwar l-immanigjar tat-traffiku f'Caf Caf Lane.

2. Huwa ssugerixxa sabiex jekk hu possibli jintbghatu cirkulari fiz-zona tal-Madliena, dwar il-gbir ta' skart, tizbir tas-sigar u pjanti mill-parapetti privati kif ukoll li mhux permess li jithallew klieb barra minghajr cinga. Il-Kumitat unanimament qabel li din l-informazzjoni ghandha tigi inkluza fl-edizzjoni li jmiss ta' fuljett tal-Madliena.

3. Huwa rraporta wkoll li t-traffic calmer li giet approvata ghall Triq il-Markiz Scicluna qed tinzamm pendenti sakemm jigi deciz ghandix issir b'mod temporanju minhabba ir-rotta tat-trasport pubbliku.

Mill-Membru G. Leone Ganado

1. Il-membru staqsa jekk hux possibli li jigi identifikat l-ammont li hu allokat mill-fondi ta' l-EU ghar-rikostruzzjoni tat-toroq tal-hitan tas-sejjiegh fil-Madliena. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkarigu li jistaqsi dwar din il-materja.

Mill-Membru T. Valentino

1. Il-membru rrimarkat dwar ir-recipjenti li juzaw il-kumpanija Melita plc sabiex jarmu l-iskart taghhom peress li l-ghatu inqala minn ma' recipjenti l-annimali qed jidhlu go dawn ir-recipjenti u j jxerrdu l-iskart maz-zona. Ic-Chairperson u l-Vici Chairperson hadu l-inkairgu sabiex jikkomunikaw mad-Diretturi tal-Melita plc dwar din il-materja.

Din il-laqgha spiccat fit-8.00pm u sar aggornament

ghal nhar l-Erbgha 1 ta' Gunju fil-5.00 pm

| | |
|---|---|
| Mary Anne Abela | Hugh Zammit |
| Chairperson | Segretarju Ezekuttiv |